MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 342/2021 LM

**Statkus Mindaugas (K.I. nru. 70500A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Kim Briffa d'Agostino (K.I. nru. 121590M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Statkus Mindaugas (K.I. nru. 70500A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-11 ta' Ottubru, 2023 [hawnhekk 'is-sentenza appellata'], fi proċeduri li fetaħ l-attur

kontra l-konvenut **Kim Briffa d'Agostino (K.I. nru. 121590M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], fejn it-Tribunal iddeċieda illi:

> *"Għaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talba tal-attur stante li ma ġietx ippruvata. L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri huma a spejjeż tal-attur."*

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn spjega li l-partijiet daħlu fi ftehim fil-bidu t'Awwissu 2021, fejn il-konvenut aċċetta li jsewwi magna tal-għamla Volvo Penta 431B Petrol li kienet installata fuq id-dgħajsa tal-attur. Qal li wara li għamel l-ispezzjoni tal-magna, il-konvenut aċċetta li jagħmel ix-xogħlijiet kollha rimedjali għall-prezz miftiehem ta' tliet elef u tmien mitt Euro (€3,800), li kien jinkludi l-*parts* u x-xogħol ta' idejh, liema tiswijiet kellhom ikunu lesti sal-bidu ta' Settembru 2021. L-attur qal li t-tiswijiet ma rnexxewx minħabba li kif tniżżlet fil-baħar, id-dgħajsa ma ħadmitx, anzi ġiet agħar milli kienet. Qal li sussegwentement, il-konvenut reġa' ħa l-magna lura fil-*workshop* tiegħu, sabiex jerġa' jirranġaha, u ta' dan ix-xogħol il-konvenut talab ħlas addizzjonali ta' seba' mitt Euro (€700) għas-servizzi tiegħu. L-attur qal li apparti din l-ispiża, hu daħal fi spiża addizzjonali ta' tmien mija u għoxrin Euro (€820) biex isewwi l-*manifold risers* ġodda li ġarrbu ħsara minħabba x-xogħol ħażin li għamel il-konvenut. Qal li fis-27 ta' Settembru, 2021, il-konvenut iddikjara li x-xogħol kien tlesta b'suċċess, iżda għal darb'oħra, meta l-magna reġgħet ġiet ippruvata fil-baħar, din reġgħet ma ħadmitx, u reġgħu feġġew ħsarat ġodda. L-attur qal li għalhekk kien evidenti li l-konvenut daħal biex jagħmel din it-tiswija mingħajr ma kellu l-ħiliet meħtieġa, u minħabba n-nuqqas ta' ħila, ikkaġuna danni u ħsara lill-attur.

L-attur qal li huwa jaħdem bħala gwida tat-turisti u bħala operatur turistiku liċenzjat, u huwa jaqla' l-għajxien tiegħu permezz ta' din id-dgħajsa. Qal li għalhekk l-azzjonijiet tal-konvenut ikkaġunawlu telf sinifikanti tul ix-xhur tas-sajf, u ser ikompli jġarrab telf sakemm id-dgħajsa tissewwa b'suċċess. Qal li finalment huwa ġarrab spejjeż totali li jammontaw għal ħamest elef Euro (€5,000) minflok is-somma miftiehma ta' tliet elef u tmien mitt Euro (€3,800). L-attur qal li minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi, dan baqa' inadempjenti. Qal ukoll li l-ammont totali dovut lilu jeċċedi s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000), iżda huwa ser ikun qiegħed jillimita t-talba tiegħu sabiex l-azzjoni tkun taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

3. Il-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk dawn għandhom jiġu miċħuda *in toto.* Qal li huwa esegwixxa x-xogħol li ġie inkarigat jagħmel b'diliġenza u skont is-sengħa u l-arti. Kompla jgħid li għall-kuntrarju ta' dak allegat fit-talba tal-attur, huwa sewwa l-magna tal-attur b'suċċess, u ma kkawża l-ebda danni lill-attur. Qal li fi kwalunkwe każ huwa l-attur li jrid jipprova sal-grad meħtieġ mil-liġi li hemm ness bejn l-aġir tal-konvenut u d-danni allegatament sofferti minnu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal fil-11 ta' Ottubru, 2023, dan iddeċieda li t-talba tal-attur ma ġietx ippruvata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat nhar is-26 ta' Novembru, 2021 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallas is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) oltre l-imgħax legali lill-attur u dan wara li l-partijiet kienu daħlu fi ftehim fil-bidu ta'*

*Awwissu 2021 fejn il-konvenut aċċetta li jsewwi magna tal-għamla Volvo Penta 4318 petrol li kienet installata fuq id-dgħajsa tal-attur. Illi wara li l-attur għamel l-ispezzjoni tal-magna, il-konvenut aċċetta li jwettaq it-tiswijiet kollha rimedjali għall-prezz miftiehem ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) li kien jinkludi l-*parts *u x-xogħol ta' jdejh, liema tiswijiet kellhom jitlestew sal-bidu ta' Settembru 2021. Illi hekk kif id-dgħajsa tniżżlet il-baħar, il-magna ma ħadmitx u l-konvenut reġa' ħa l-magna lura fil-*workshop *tiegħu, sabiex jirranġa l-magna mill-ġdid fejn talab ħlas addizzjonali ta' seba' mitt Euro (€700) Dok A u spiża oħra ta' €820 biex isewwi l-*manifold risers *li ġarrbu ħsara konsegwenza tax-xogħol ħażin tal-konvenut. Illi fis-27 ta' Settembru, 2021 il-konvenut iddikjara illi x-xogħlijiet tlestew b'suċċess iżda meta l-magna reġgħet ġiet ipprovata fil-baħar reġgħet ma ħadmitx u feġġew ħsarat ġodda. Għalhekk huwa evidenti li l-konvenut ma kellux il-ħila meħtieġa u kkaġuna ħsara u danni lill-attur. Illi l-attur huwa gwida u operatur liċenzjat turistiku u l-ħsara kkawżat telf sinifikanti ta' qligħ matul ix-xhur tas-sajf u sakemm tissewwa b'suċċess. Illi għalkemm is-somma miftiehma kienet €3,800, l-operatur ġarrab spejjeż li jammontaw għal €5,320 iżda għall-finijiet tal-kompetenza quddiem it-Tribunal kien qiegħed jillimita t-talba għal €5,000.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Frar, 2022, fejn it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda għax dejjem esegwixxa x-xogħlijiet li ġie inkarigat jagħmel b'diliġenza u skont is-sengħa u l-arti kif ser jiġi pprovat għax għall-kuntrarju ta' dak allegat fit-talba tal-attur, huwa sewwa l-magna b'suċċess. Dan anki kif irrikonoxxa l-attur fl-irċevuta annessa KB1 u ċertament ma kkawżax danni lill-attur. Illi jeħtieġ issir il-prova sal-grad rikjest mil-liġi tan-ness bejn l-aġir tal-konvenut u d-danni sofferti mill-attur. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*Fid-9 ta' Marzu, 2022 ġew ippreżentati l-*affidavit *ta' Statkus Mindaugas fejn spjega illi hu s-sid ta' dgħajsa bin-numru ta' reġistrazzjoni M/VS21147 li għandha magna Volvo Penta AQ4431B u fil-11 t'Awwissu, 2021, waqt illi kien fuq il-baħar inqalalu ħsara fil-magna. Sar jaf bil-konvenut minn* facebook *u wara li spezzjona l-magna qal illi l-*crankshaft *kien ikkawża l-ħsara u kien hemm bżonn riparazzjoni fejn kienu ftehmu fuq l-ammont ta' €3,800 li jinkludu* parts *u* labour *u li kien ser ilesti x-xogħol għall-bidu ta' Settembru 2021. F'Settembru 2021, il-konvenut infurmah illi kien lesta x-xogħol imma kellu bżonn jagħmel test fil-*boat yard *fl-Imġarr, fejn l-attur kien ipoġġi d-dgħajsa tiegħu. Fit-3 ta' Settembru, 2021 il-konvenut ċempillu biex imur jagħmel it-test, iżda peress illi ma setax imur miegħu dakinhar, kien mar waħdu. Kien ċempillu aktar tard u qallu li ma kienx irnexxielu jagħmel* engine run *waħdu u marru flimkien dakinhar stess filgħaxija u din id-darba l-magna reġgħet ġarrbet ħsara. Din id-darba l-konvenut qal illi kien fil-*pistons *għalkemm kien bidilhom. Il-konvenut reġa' ħa l-*

*magna l-*workshop *tiegħu fejn sab li kellha l-ilma u ammetta li waqt l-*engine run *ma kienx ħa ħsieb li jkun hemm biżżejjed ilma biex il-magna ma tisħonx (*cracked manifold risers) *u għalhekk il-ħsara saret tort tal-konvenut. Il-konvenut qallu li ma kienx ser isewwilu l-magna jekk ma jħallsux €820 oħra u qallu li jekk ma jħallsux ma kienx se jħallih jieħu l-magna u għalhekk kellu jċedi biex iħallih jerġa' jibni l-magna. Il-magna kienet tlestiet fis-27 ta' Settembru, 2021 iżda l-ewwel darba li tniżżlet il-baħar reġa' kien hemm il-ħsara u ħsarat ġodda. Hu kellu rċevuti mingħand il-konvenut fejn fiha ddikjara li x-xogħol fuq il-magna kien lest u kien irċieva €4,500 u l-messaġġi tiegħu. Fid-19 ta' Ottubru, 2021 għamel* survey *tal-magna l-Inġinier Christopher Galea li kien awtorizzat fuq il-Volvo Penta u hu kien indika fejn kienu l-ħsarat fuq rapport. Minħabba fil-ħsarat fid-dgħajsa hu tilef id-dħul tiegħu għax dan kien l-għajxien tiegħu. Meta talab lill-konvenut biex iħallsu tad-danni kien akkużah li kien mar ma' sħabu u heddu meta mhux minnu għax hu kien mar għandu biex jipprova jsib soluzzjoni u sħabu stennew fil-karozza. Il-konvenut beda jinjorah sakemm kien ċempillu u qallu li hu ma kienx responsabbli. Ippreżenta komunikazzjoni bejnu u l-konvenut, flimkien ma' stima u rċevuta.*

*Ġie ippreżentat l-*affidavit *ta' Christopher Galea fejn qal illi hu kien* self employed marine technician *u kellu ċertifikat mill-Mercury li approvawh. Mindaugas kien mar għandu u talbu jiċċekkjalu ħoss fil-magna li kien għadu kemm ħa l-magna għand mekkanik biex jagħmel* full engine rebuild. *Fid-19 ta' Ottubru, 2021 mar u spezzjona l-magna li kienet fuq il-puntun. Id-dgħajsa kienet tal-għamla Elan u kellha magna Volvo Penta u rriżultalu li l-ħsejjes fil-magna kienu konsegwenza ta' ħsara fil-magna li tista' tiġi kkonfermata meta tinfetaħ. Hu ppreżenta rapport fol. 23 fejn jidher biċ-ċar li x-xogħol ma sarx bis-sengħa u l-arti. Ġew ippreżentati l-*affidavit *ta' Vaidas Barsauskas u Viktor Lafarev li kienu ħbieb tal-attur. Vaidas Barsauskas qal illi f'nofs Settembru kien ma' Mindaugas u Viktor Lafarev sejrin lejn Smart City u fit-triq Mindaugas waqaf u daħal fil-ħanut tal-mekkanik il-Fgura. Huma baqgħu jistennew barra fil-karozza u fl-ebda ħin ma ltaqa' ma' Kim Briffa. Fil-kontro-eżami tas-27 ta' Frar, 2023, jgħid illi hu qatt ma kien iltaqa' mal-konvenut u qatt ma ra l-problemi fid-dgħajsa lanqas. Hu kien jaf illi kienet dgħajsa sabiħa u kienet taħdem tajjeb.*

*Lafarev qal illi qatt ma kien ġie Malta u kien qed joqgħod ma' Mindaugas bejn is-7 ta' Settembru, u l-1 ta' Ottubru u kien jaf li kellu problema ma' Kim Briffa dwar ix-xogħol ta' riparazzjoni, u meta kien fil-karozza ma' Mindaugas u Vaidas sejrin lejn Smart City, Mindaugas waqaf għand il-*mechanic *il-Fgura u huma stennewh fil-karozza. Huma ma kinux iltaqgħu jew kellmu lil Kim Briffa. Hu kien preżenti ma' Mindaugas u Kim Briffa meta pprovaw il-magna fil-baħar u kien jidher li l-magna ma bdietx taħdem sew għax il-*coolant *u ż-żejt ħarġu u kien hemm ħafna ħsejjes fil-magna. Kim Briffa ħallihom il-*

*baħar bil-magna ma taħdimx u wiegħedhom li kien ġej aktar tard biex jirranġa, iżda ma ġiex lura. Mindaugas ipprova jċempillu ħafna drabi u fl-aħħar Kim wieġbu u hu seta' jisma' għax kien fuq* speaker *fejn kien ċar illi Kim ma riedx jieħu responsabbilità għal aktar tiswijiet u xtaq li l-magna taqalu u titkisser f'elf biċċa. Fis-27 ta' Frar, 2023 in kontro-eżami ikkonferma illi ltaqa' mal-konvenut darbtejn, fil-25 ta' Settembru, 2021 kien mar il-*workshop *ma' Mindaugas u kien sar test tal-magna li dam għaddej xi siegħa, biżżejjed biex jikkonfermaw li kien qiegħed jaħdem, iżda deherlu li Mindaugas xorta kien inkwetat fuq xi ħoss. Ikkonferma li kien qiegħed jieħu r-ritratti ukoll. Meta marru għas-*sea trial *il-magna bdiet tagħmel ħoss u kien hemm xi* leakage*. Meta ġie suġġerit li l-ħoss ġej mill-i*steering *hu qal illi kien aktar probabbli li kienet il-magna għalkemm hu mhux inġinier għalkemm innota li f'ċertu pożizzjonijiet tal-i*steering *il-ħoss kien aktar qawwi. Jiftakar illi wara s-*sea trial *kienu marru lura lejn l-art u kien hemm missier Kim u l-konverżazzjoni kienet tajba iżda ma spiċċawx tajjeb minħabba l-ħsara. Fil-fatt huma ħallew id-dgħajsa fl-istess bajja u telqu bil-karozza. Ma kienx miegħu meta Mindaugas saq id-dgħajsa lejn il-marina. Ma setax jikkonferma jekk l-argument bejn il-partijiet kienx dwar il-ħsara jew* pressure gauge*. Ma kienx vera li Mindaugas insulenta lill-konvenut għax hu kien sema' l-konverżazzjoni huma u jsuqu lura għax kien fuq* speaker*.*

*Illi l-attur talab sabiex it-Tribunal jaħtar l-espert u fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2022 il-partijiet qablu li jinħatar Elio Desira sabiex jeżamina l-magna fil-preżenza tal-avukati tal-partijiet. Illi l-konvenut informa lit-Tribunal illi l-espert kien mar għall-aċċess iżda kien naqas milli jinforma lill-avukat tiegħu hekk kif kien ġie ordnat jagħmel fil-verbali. Fit-12 ta' Settembru, 2021 l-espert informa lit-Tribunal illi l-attur kien għamel kuntatt miegħu u kienu ftiehmu illi jmur jagħmel l-ewwel spezzjoni fuq il-magna li kienet għand EMM Workshop fejn sab il-magna kompletament żarmata u dan in vista tal-inkarigu mogħti lilu mill-attur li ma kienx infurmah bin-nomina tat-Tribunal, li ġiet a konjizzjoni tiegħu fis-6 ta' Ġunju, 2021. Konsegwentement l-attur irtira t-talba sabiex jinħatar espert. Fit-18 ta' Mejju, 2023, l-attur ippreżenta ittra mill-Inġinier Karl Briffa, u ittra mit-*technician *Christopher Galea, irċevuta, filwaqt illi l-konvenut ippreżenta* affidavit *ta' Kim Briffa D'Agostino, Pierre Caruana u Raymond Briffa.*

*Kim Briffa d'Agostino jgħid illi kellu esperjenza ta' tnax-il sena jsewwi l-magni u kien ikkwalifikat bħala* mechanical engineer*. Fit-12 ta' Awwissu, 2021, kien għamel kuntatt miegħu Statkus Mindaugas biex jirranġalu l-magna tad-dgħajsa. Kien bagħatlu video u mill-ħoss qallu li ssuspetta li kienet* rod knock *u biex itellagħha l-art u ma jistartjahiex sakemm imur hu, iżda l-attur kien qallu biex jaqbad u jaqla' l-magna għax kien mgħaġġel. L-attur kien qallu li kellu problema mal-mekkanik ta' qabel għax meta kienet qiegħda tinġarr kien laqatha u inqasam is-*sump *u li kien ħariġlu ż-żejt*

*meta kien qed isuqha. Meta żarma l-magna fil-*workshop *tiegħu l-Fgura kkonferma li kellha* severely worn rod bearing resulting in rod knock *kif kien ħaseb u kien qal lill-klijent li kien hemm spiża ta' €3,800 biex tissewwa. Mindaugas kien talbu wkoll biex jiċċekkja l-*manifolds *u* risers *meta jiftaħ il-magna. Dawn iservu minn 3 sa 5 snin u kien ġia ilhom 3 snin u kien qallu li ma kienx hemm urġenza, iżda fi ftit xhur kien ser ikollu bżonn jibdilhom. Hu ħadimlu bl-akbar effiċjenza u dan jidher ukoll fil-messaġġi u fit-3 ta' Settembru, 2021 kien ser imur iwaħħal il-magna iżda l-attur ma setax imur u qallu biex imur waħdu. Wara li installa l-magna rrealizza li ma kienx hemm sistema ta' ilma bil-pressa biex il-magna tkun tista' titħalla taħdem għal tul ta' ħin u startjaha bl-*ignition timing *għal ftit minuti fejn kollox kien qed jaħdem sew inkluż il-pressa taż-żejt. Kien bagħat video lill-attur li juri l-magna taħdem mingħajr problemi Dok A. Kien induna li kien hemm xi vibrazzjonijiet ġejjin minn wara tad-dgħajsa u kien ċempel lill-attur u qallu li kellu bżonn għal tul ta' ħin biex jara minn fejn kienu ġejjin dawn il-ħsejjes u kien issuġġerielu biex jieħu tank tal-fibre u jimlieh bl-ilma biex jitpoġġa taħt id-dgħajsa, biex il-magna tiġbed l-ilma u iltaqgħu dakinhar stess fit-8.00pm. Meta ltaqgħu l-attur kien qal li ma kienx ħa tank tal-fibre għax ma kienx hemm bżonnha għax hu kien juża* makeshift pipe *u jixgħel l-ilma. Hu kien qallu li importanti li l-magna jkollha biżżejjed dħul ta' ilma u b'hekk startjaw il-magna. Kien qallu wkoll li kien jaf bil-vibrazzjonijiet u kienu jiżdiedu meta jdawwar l-i*steering *u għalhekk il-ħsara kienet ġejja mill-*input shaft *taz-*z drive *u għalhekk serraħ moħħu li l-ħoss kien ġej minnhom u mhux mill-magna. Ma kienx hemm* oil leaks *jew* water leaks *jew ħsejjes anormali oħra. F'ħin minnhom waqt it-test il-magna bdiet tistalja* (stall) *sakemm waqfet ħabta u sabta u indunaw illi l-pipe tal-ilma kien waqa' mal-art. L-għada reġgħu marru u ma riditx tistartja u reġa' qalagħha u ħadha l-*workshop *u meta żarmaha sab illi kienet mimlija bl-ilma li kien daħal mill-*manifolds *u* risers *minħabba li saħnet il-magna. Fis-6 ta' Settembru,2021, l-attur mar il-*workshop *u kellu żewġ persuni jistennewh fil-karozza. Inbidel l-attitudni tiegħu u beda jintimidah quddiem missieru. Sabiex jerġa' jarmalu l-magna mill-ġdid talbu €700 għax kellu jixtri xi* parts *oħra u dak li kien ġara ma kienx tort tiegħu. Kien xtara* pistons *ġodda li swewh €270 u kien ħa l-magna żarmata għand Joseph Tabone li kien Inġinier li kien ġja għamel xi xogħol fuq il-magna. Iċċekkja l-magna biċċa biċċa u sab li kien hemm* piston *li espanda. Hu kien reġa' arma l-magna u nstalla l-*manifolds *li kien ħadlu l-attur. Fil-25 ta' Settembru l-attur kien mar ma' Victor Lafarey fil-*workshop*, beda jieħu l-video u startjaw il-magna bil-*pressurised water *u ħallewha taħdem għal siegħa u ħadmet tajjeb, ma saħnitx u ma kienx hemm ħsejjes u pressa ta' żejt tajba u l-attur kien kuntent. Kien hemm preżenti missieru u Pierre Caruana. Dakinhar ftiehmu li kien ser iħallsu kif jeħodlu l-magna qabel ma jwaħħalha fuq id-dgħajsa. Fis-27 ta' Settembru, 2021, kien ħallsu u l-magna twaħħlet fuq id-dgħajsa. Insista li kellu jiġbidlu d-dgħajsa mill-Imġarr sal-*

*Mellieħa għalkemm qatt ma kienu ftiehmu fuq hekk u hu kien aġevolah u kif niżżluha startjawha. Il-*pressure gauge *taż-żejt reġa' ma bediex jimmarka u għalkemm kien ġdid u vverifika manwalment li kien hemm pressa. Kien issuġġerixxa li jsuquh fuq il-baħar u wara 20 minuta żviluppa* leak *tal-ilma fil-magna u qallu biex imorru lura fuq il-moll għall-għodda, iżda insista li jibqa' jsuq u lanqas ħallieh jitlaq u hu kellu jirranġa bl-għodda li sab u fil-fatt kienet ħaġa minuri li meta ssikkah, il-*leak *waqaf mill-ewwel. Waqt is-*sea trial *Mindaugas ġab karta miegħu li kienu ffirmawha it-tnejn illi kollox kien ħadem sew u li hu kien tħallas u wara waslu lura u kienu għamlu xi kwarta jitkellmu ma' missieru u Viktor u fil-fatt hu kien mar wassallu l-karru l-Imġarr. Kien ċempillu biex jagħmillu l-*gauge *iżda ppretenda li jsir b'xejn u hu ma riedx jagħmilulu. Fis-27 ta' Ottubru, 2021 irċieva ittra mingħand l-avukat tal-attur. Ippreżenta numru ta' irċevuti li kienu għadhom għandhom għax hu kien nefaq €3,600 fuq parts. Hu kien għamel ix-xogħol b'diliġenza u l-magna ħadmet mingħajr problemi. Wara s-27 ta' Ottubru, 2021, hu kien jara d-dgħajsa ġewwa l-*yacht marina *u ġieli kienet tkun fl-ewwel post u ġieli fit-tieni post li turi li kienet qiegħda tintuża. Kieku l-ħsara kienet waqt is-*sea trial *kieku żgur kien jikkuntattjah dakinhar.*

*Raymond Briffa, missier Kim xehed illi għamel sbatax-il sena jaħdem bħala* planning and production engineering *mas-Shipbuilding. L-ewwel darba li ra lil Mindaugas kien fis-6 ta' Settembru, 2021 meta kien mar ma' żewġ irġiel oħra li baqgħu fil-karozza l-*workshop *il-Fgura u kellu attitudni ostili. Hu kkonferma l-fatti kif kien hemm fl-*affidavit *ta' Pierre Caruana. Fil-25 ta' Settembru, 2021 ma ħax pjaċir meta ra l-ħabib ta' Mindaugas jiffilmja u dakinhar kien telaq bis-suppervja minħabba li ma ftiehmux fuq il-ħlas iżda wara t-tifel qallu li ftiehmu li kien ser iħallsu kif il-magna titpoġġa fuq id-dgħajsa. Meta waħħal il-magna ppretenda li Kim jiġbidlu d-dgħajsa mill-Imġarr sal-Mellieħa u fil-fatt kien rabat id-dgħajsa hu biex ikun sikur għalkemm ma kienx komdu li t-tifel jirmunkalu d-dgħajsa. Meta kienu għadhom l-Imġarr Mindaugas kien ħareġ karta biex jiffirmaha t-tifel. Kif waslu l-Mellieħa Kim, Mindaugas u l-ħabib tiegħu marru jagħmlu* sea trial *u hu stenna fuq il-moll mal-karozza u l-karru u dam xi siegħa u għaxar minuti jistenna. X'ħin ġew lura Mindaugas kien jidher kuntent għax kien qal* I believe we're ending this on a good note, *u qagħdu jitkellmu ftit.*

*Pierre Caruana xehed illi hu* maintenance manager *mad-Delta Malta Ltd fejn jaħdem ukoll Kim u kien iħobb jinnavika fil-magni. Fil-25 ta' Settembru, 2021 kien mar il-*workshop *ta' Kim u kien mar ukoll Mindaugas biex jipprovaw il-magna li damet xi siegħa għaddejja u Mindaugas deher kuntent. Sieħbu beda jiffilmja kollox u kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejniethom dwar ħlas. Darba oħra kien ma' Kim u kienu raw id-dgħajsa ta' Mindaugas marbuta fix-xatt ta' Ta' Xbiex.*

*Fit-23 ta' Novembru, 2022 xehed Statikus Mindaugas illi d-dgħajsa kien xtraha second hand mill-Olanda xi sitta jew seba' snin qabel u kienet ħarġet fl-1993. Meta xtraha l-magna kienet kważi ġdida kellha 400 siegħa. Hu ilu jżommha l-Imġarr ġo farm kemm ilha għandu u qatt ma kellha bżonn riparazzjonijiet kbar ħlief li biddel l-*alternator, exhaust *u* generator, external parts *biss. Ċaħad illi qatt sema' l-vibrazzjoni qabel ma marru għal prova fuq il-baħar u dakinhar deher ċar li l-ħoss kien ġej mill-magna. Ikkonferma li saqsa lill-konvenut biex jiċċekkjalu l-*manifolds *iżda kienu għadhom jaħdmu u jista' jkun li qallu li kellhom bżonn jinbidlu fi ftit xhur, fix-xitwa. Mistoqsi x'kien xogħlu hu qal illi kien* tour guide, *iżda għalkemm qal illi ġieli uża d-dgħajsa għal tour privat ma kinitx liċenzjata. Ikkonferma illi meta mar għand il-konvenut ried li t-tiswijiet isiru malajr. Ma kienx preżenti meta Kim kien waħħal il-magna fuq id-dgħajsa l-ewwel darba għax ma setax jattendi iżda kien qallu biex iwaħħalha għax kien jafdah. Ma jiftakarx illi Kim kien qallu li sema' xi vibrazzjoni u b'hekk ried jerġa' jmur biex iħalli l-magna taħdem aktar fit-tul, iżda jiftakar li irċieva video fejn tidher li l-magna qiegħda taħdem. Ma jiftakarx illi l-konvenut kien qallu biex jieħu tank tal-fibre mimli bl-ilma. Mistoqsi kif jixgħel il-magna meta tkun fil-*boatyard *hu wieġeb illi għandu* hose pipe *fil-*feeding hose *u jdaħħalha fil-magna għax għalkemm hemm ilma fil-*boatyard *ma kienx hemm pressa u kien ilu jagħmel hekk għal seba' snin u kienet prassi komuni. Ikkonferma li magna ħadmet tajjeb għal xi tliet minuti iżda ma jiftakarx jekk kien hemm vibrazzjoni qabel ma waqfet il-magna. Hu kien qiegħed iżomm id-dawl għal Kim u f'ħin minnhom il-*pipe *veru li ħareġ minn postu iżda ċaħad li Kim kien qallu biex joqgħod attent għall-pajp. Ma indunax mill-ewwel li l-pajp kien ħareġ minn postu. Ikkonferma li wara din il-prova Kim reġa' ħa l-magna fil-*workshop *u sab li kien hemm ilma fil-magna u kienu tkissru l-*manifolds *u kellu jixtri xi* parts*. Ikkonferma li qabel il-prova fil-baħar wara t-tieni* rebuilding *tal-magna, kien mar ma' sieħbu l-*workshop *tal-konvenut u ħaddmu l-magna għal xi siegħa u ma nstemgħux vibrazzjonijiet* (dry test) *iżda l-vibrazzjonijiet instemgħu fis-*sea trial *kif daħħal il-*gear (wet test)*. Fil-*workshop *kollox kien jidher sew tant illi sieħbu kien irrekordjaha. Kien iffirma l-ftehim fis-27 ta' Settembru, 2021 iżda meta marru għal* sea trial *kien hemm ħafna vibrazzjoni u ħareġ il-*coolant leak *u l-*pressure gauge *ma kienx qed jaħdem. Kim irranġa l-*coolant leak*. L-għada kien ħareġ ukoll iż-żejt. Dakinhar stess kien ċempel lil Kim xi ħamsa u għoxrin darba iżda ma kienx wieġbu għax kellu jerġa' jmur. Meta fl-aħħar wieġbu kellhom xi jgħidu. Ċaħad li wara s-*sea trial *kien kuntent għax ma setax isuq id-dgħajsa. Mistoqsi kif mar mill-Mellieħa għall-Marina hu wieġeb li saq bil-mod ħafna u ma użax id-dgħajsa wara dakinhar. Hu qal illi pprova jagħmel kuntatt mas-*surveyor *mill-ewwel iżda dam xi tliet ġimgħat biex imur. Ikkonferma li wara s-*sea trial *il-konvenut kien ħadlu l-karru mill-Mellieħa għall-Imġarr. Ikkonferma li wara s-*sea trial *ma bagħatx messaġġ wieħed lill-konvenut lanqas biex isewwilu.*

*Fil-25 ta' Jannar, 2023 xehed Christopher Galea illi ma jiftakarx meta kien għamel kuntatt miegħu l-ewwel darba Mindaugas. Hu kien kellmu wara li l-ewwel mekkanik kien qalgħalu l-magna t-tieni darba u kien għamel kuntatt miegħu xi xahar wara. Ma kienx jaf jekk l-attur kienx saq id-dgħajsa f'dak il-perijodu. Hu kien għamel kuntatt miegħu minħabba fil-ħsejjes u kien qallu biex itellagħha minn ġol-baħar u ma jsuqhiex. Hu ra li l-ħoss kien ġej minn* cylinder no. 1 *għax kif qalgħalha* spark plug *ta' dak iċ-ċilindu l-ħoss naqas, imma m'għamilx test manwali għax ma kienx għadu ċert kif kien ser jibqa' mal-konvenut. Wara kien għamel it-test.*

*Fit-2 ta' April, 2023 xehed Kim Briffa d'Agostino qal illi hu ma ġiex mistoqsi jekk hux kompetenti fuq il-magna Volvo iżda hu kien kompetenti fuq il-magni kollha għax kollha fuq l-istess bażi jaħdmu u kellu ċertifikat anki mill-Ġappun u kellu tlettax-il sena esperjenza. Ikkonferma illi meta l-attur tah ix-xogħol biex jagħmillu* overhaul *tal-magna, ma tah ebda* capping *u kien ikkonkluda l-ewwel tiswija fit-3 ta' Settembru, 2021 u kien informa lill-attur li seta' jieħu l-magna u għalkemm l-attur ma setax imur kien qallu biex imur xorta. Hu kien għamel testijiet fil-*workshop *imma ma kienx startjaha. Meta mar waħdu startjaha u ħa video tagħha u bagħtu lill-attur. Kien reġa' mar filgħaxija mal-attur għax kellu bżonn jittestja l-pressa tal-ilma u ma kienx hemm. Kien issuġġerielu li jġib tank u jimluh bl-ilma biex il-magna tiġbed minnu u minflok kien ġab pajp u waħħlu bit-tape ma' pajp ieħor mal-vit, kien qallu li kien ilu snin jaħdem hekk. L-attur qabbad il-pajp u startjaw il-magna. Il-magna ħadmet tajjeb għal xi 20 minuta u l-pressa taż-żejt kienet tajba u l-vibrazzjoni li kienet ġejja mill-i*steering *li l-attur kien jaf biha. Il-pajp inqala' u la hu ma ndunax għax kien qed jaħdem fuq il-magna u lanqas l-attur u hemm saret il-ħsara għax il-magna saħnet. L-għada kellu jerġa' jieħu l-magna u kellu jżarma l-magna u peress li kienet imtliet bl-ilma kellu jixtri xi* parts *oħra. Kien issuġġerixxa illi l-*manifolds *jinbidlu wara li jtella' d-dgħajsa għax-xitwa għax kull ma kien fadal kien ftit ġimgħat tal-istaġun. Wara li kien installa l-magna ipprovawha fil-baħar u ħass il-vibrazzjonijiet iżda l-attur kien jaf bihom minn qabel u ma kienx talbu jsewwihom għax kienu relatati mal-i*steering *u mhux mal-magna. Hu qatt ma kellu problema bil-*parts *li kien xtara iżda wara li saħnet il-ħsara marret fuq il-*piston *din minn ċirku ġiet ovali għax saħnet. Ikkonferma illi l-irċevuta a fol. 7 tal-proċess kienet saret dakinhar li niżżlu d-dgħajsa l-baħar u iggarantixxa li wettaq ix-xogħol kif suppost.*

*Ra l-atti proċesswali u d-dokumenti kollha mressqa u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.*

*Ikkunsidra:*

*Din il-kawża hija dwar tiswijiet li saru mill-konvenut fil-magna tad-dgħajsa tal-attur. Jirriżulta mhux kontestat illi l-konvenut kien żarma l-magna fil-*workshop *tiegħu u*

*reġa' armaha fuq id-dgħajsa ġewwa l-Imġarr fil-bidu ta' Settembru 2021. Biex isir it-test hu kellu bżonn juża l-ilma iżda fil-*boatyard *fejn kien iżomm id-dgħajsa l-attur, ma kienx hemm pressa, b'hekk kien staqsa lill-attur biex iġib tank tal-fibre mimli bl-ilma biex jipprovaw il-magna għal xi siegħa. L-attur ma kienx ħa t-tank tal-ilma iżda kien qallu li hu kien ilu jagħmel dan it-test għal madwar seba' snin u kien juża pajp. Fil-fatt hekk għamel u ipprovaw il-magna li ħadmet sew għal xi minuti iżda wara waqfet f'daqqa. Il-konvenut induna li l-pajp kien ħareġ minn postu u kien għalhekk illi l-magna waqfet u ġarrbet aktar ħsara tant illi kellha terġa' tiġi żarmata u jinbidlu xi* parts*. Għall-ewwel l-attur ma riedx iħallas għall-ispejjeż addizzjonali tal-*parts *biex terġa' tiġi armata mill-ġdid iżda wara aċċetta u l-konvenut reġa' irranġaha għat-tieni darba. Għamlu t-test fl-ilma din id-darba fil-*workshop *tal-konvenut fejn mhux ikkontestat illi l-magna ħadmet tajjeb għal madwar xi siegħa. Ftiehmu li ħa jniżżluha l-baħar u ħarġu għal* sea trial *fejn ġie nnutat li kien hemm vibrazzjoni mal-i*steering*, kien hemm* leak *u l-*pressure gauge *ma kienx qed jaħdem. Il-*leak *ġie solvut mill-konvenut fuq il-baħar, iżda filwaqt illi l-attur jgħid li l-vibrazzjoni kienet ġejja mill-magna, il-konvenut jgħid illi l-ħoss kien ġej mill-i*steering*. L-attur wassal lill-konvenut lura fuq il-moll fejn kien qiegħed jistennih missieru bil-karru tal-attur u telqu mill-post u ħadulu l-karru lura l-Imġarr. Kemm missier il-konvenut kif ukoll sieħeb l-attur qalu li meta Kim ġie mwassal lura fuq il-moll ir-rapport ta' bejniethom kien tajjeb. L-attur jgħid illi l-konvenut kellu jerġa' jmur aktar tard dakinhar biex isewwi, filwaqt illi l-konvenut jgħid illi l-attur kien ċempillu l-għada biex ibiddillu l-*pressure gauge*, iżda dan baqa' m'għamilulux għax ippretenda li jagħmilulu bla ħlas. Jirriżulta iżda illi l-konvenut sar jaf bl-ilment tal-attur wara li irċieva ittra bl-avukat fis-27 ta' Ottubru, 2021 fejn ilmenta li x-xogħol ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti.*

*Matul il-kawża l-attur kien ippreżenta rikors fit-8 ta' Frar, 2022 fejn talab il-ħatra ta' espert u fit-18 ta' Mejju, 2022 it-Tribunal laqa' t-talba u innomina espert bil-qbil taż-żewġ naħat. Iżda minkejja li l-ħatra kienet tispeċifika illi ż-żewġ partijiet kellhom ikunu preżenti waqt l-ispezzjoni, dan ma seħħx. L-espert stess fil-fatt talab li l-inkarigu tiegħu jiġi tterminat sabiex ma jinħoloq ebda preġudizzju stante illi l-attur kien fil-fatt ikkuntattjah hu stess u għamillu appuntament biex imur jispezzjona l-magna mingħajr ma qallu bl-istruzzjonijiet tat-Tribunal li l-konvenut kellu jkun preżenti, fejn meta mar sab il-magna kompletament żarmata. Konsegwentement l-attur irtira t-talba għall-ħatra tal-espert. Mill-provi prodotti inkluż il-komunikazzjoni ppreżentata mill-attur jidher li l-konvenut kien professjonali f'xogħlu u għalkemm ġraw ċirkostanzi xejn feliċi l-magna ħadmet sewwa fil-prova tal-25 ta' Settembru, 2021. It-Tribunal mhux konvint li d-dgħajsa wettqet il-ħsarat li l-attur qiegħed jilmenta dwarhom fis-*sea trial*. L-attur żgur kien jilmenta dwar il-ħsara fil-magna kif għamel l-ewwel darba u ma kienx iwasslu lura fuq il-moll  mingħajr argumenti, kif xehdu kemm missier Kim kif ukoll il-*

*ħabib tal-attur li kienu ħallew lil xulxin fuq nota tajba u fil-fatt l-attur stess qal illi ħa d-dgħajsa lura fejn il-Marina tal-Imsida."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-attur fis-27 ta' Ottubru, 2023, huwa talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal tal-11 ta' Ottubru, 2023 fl-ismijiet premessi, tilqa' t-talbiet tiegħu, u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal injora fatti legalment importanti għaċ-ċirkostanzi tal-każ, u naqas milli jsemmihom b'applikazzjoni għall-mertu proprju ta' din il-vertenza, bir-riżultat li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi.

7. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal fejn ingħad li l-appellant ma kienx ħa t-tank tal-ilma, għax kien juża pajp biex jagħmel it-test. Qal li l-kompitu sabiex jiġi assigurat li l-magna tissewwa b'mod tajjeb u li t-tiswija ġiet ivverifikata, kien tal-appellat u mhux tiegħu. Qal li l-unika għajnuna li huwa ta sabiex l-magna tiġi msewwija, kienet li huwa żamm it-*torch* sabiex l-appellat ikun jista' jara l-magna aħjar. Kompla jgħid li l-appellat ħass li l-pressa tal-ilma kienet suffiċjenti biex ikun jista' jsir dan it-test, u dan fih innifsu juri n-nuqqas ta' esperjenza u n-negliġenza tal-appellat. Qal li huwa qatt ma obbliga ruħhu li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tiswija fil-magna, u għalhekk m'għandux jaħti għan-negliġenza tal-appellat. Qal ukoll li t-Tribunal naqas milli japprezza li l-magna ġarrbet ħsara waqt l-ewwel prova fil-*boatyard,* u qal li t-Tribunal kellu tal-anqas jordna li l-ispejjeż li nefaq l-appellant sa dak il-

punt sabiex il-magna tiġi rimedjata, tliet elef u tmien mitt Euro (€3,800), jiġu restitwiti għaliex il-magna baqgħet ma ħadmitx.

8. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tal-ftehim iffirmat mill-partijiet qabel is-*sea trial test,* fejn l-appellat irrikonoxxa l-obbligu tiegħu sabiex il-magna titranġa kompletament, u stqarr li l-ftehim kien li l-magna tibda tiffunzjona skont il-funzjonijiet speċifiċi tagħha. Qal li l-Inġinier Christopher Galea kkonferma li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u l-magna tad-dgħajsa sofriet ħsara kbira minħabba nuqqas ta' tiswijiet adegwati min-naħa tal-appellat. Qal li t-Tribunal ma rreferiex għal dan ir-rapport fil-konsiderazzjonijiet tiegħu. Qal li Victor Lafarev ikkonferma li l-ftehim ma ġiex iffirmat wara s-*sea trial,* u l-appellant xehed li dan il-ftehim ġie ffirmat qabel il-prova tal-magni fuq il-baħar. Qal li jirriżulta b'mod manifest li waqt is-*sea trial* il-magna sofriet ħsara estensiva, kemm minħabba l-vibrazzjonijiet qawwijin, kif ukoll minħabba li beda ħiereġ il-*coolant* u ż-żejt mill-magna, filwaqt li l-*oil pressure gauge* ma bediex jiffunzjona. Qal ukoll li wara dan is-*sea trial,* ġie stabbilit li kien hemm tliet affarijiet ma jaħdmux fil-magna, jiġifieri l-*vibration,* l-*oil coolant* u l-*pressure gauge.* Qal li jekk il-magna kienet attwalment irranġata, żgur li ma kienx ser jidħol fi spejjeż addizzjonali biex jibdel il-magna kollha kemm hi, mingħajr bżonn jew b'mod kapriċċjuż, hekk kif muri mis-*surveyor* Karl Briffa. Qal ukoll li għalkemm kien hemm ftehim sabiex il-magna topera b'mod normali u sal-massimu tal-kapaċità tagħha, l-uniku mod kif huwa seta' jopera d-dgħajsa, kien billi jsuqha bil-mod ħafna. L-appellant qal li għalhekk it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ta' dawn il-provi, li b'mod manifest juru u jippruvaw sal-grad rikjest mil-liġi, kif it-tiswijiet fuq il-magna ma sarux skont il-livell miftiehem.

9. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant għamel riferiment ukoll għal dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal fejn ingħad li l-appellant kien jilmenta dwar il-ħsara fil-magna kif għamel l-ewwel darba, u ma kienux jwaslu lura fuq il-moll mingħajr argumenti. Qal li mill-*affidavit* ta' Viktor Lafarev, mix-xhieda tiegħu stess u mill-*affidavit* ta' Vaidas Barsauskas, kellu jirriżulta li mhux minnu li r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet fuq nota tajba. L-appellant qal li wara t-test fuq il-baħar, huwa ma kien kuntent xejn, u t-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għall-fatt li l-appellat waqt konverżazzjoni qallu "*I wish your engine will fall in 1000 pieces",* xi ħaġa li semagħha wkoll Lafarev. L-appellant qal li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet fuq nota tajba, u l-fatt li huwa żamm il-buon ordni, m'għandux jiġi interpretat li huwa kien sodisfatt bix-xogħol li għamel l-appellat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat wieġeb li s-sentenza tat-Tribunal hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata, filwaqt li żied jgħid li r-rikors tal-appell tal-appellant fih ħafna inkonsistenzi u ineżattezzi. Qal li kien hu li kkuntattja lill-appellant biex jinfurmah li x-xogħol fuq il-magna kien lest, u biex jiftiehmu ħalli jmorru jinstallaw il-magna fid-dgħajsa. Qal li l-appellant infurmah li kien ser jinqabad bix-xogħol, u tah struzzjonijiet biex imur jinstalla l-magna fuq id-dgħajsa waħdu, kif fil-fatt għamel. Qal li huwa kkonferma li l-magna kienet qiegħda taħdem tajjeb, u fil-fatt bagħat video lill-appellant biex jurih dan. Qal li peress li fil-*boatyard* tal-appellant ma kienx hemm sistema ta' ilma bil-pressa, huwa talbu jieħu miegħu *fibre tank* sabiex ikun jista' jħalli l-magna taħdem għal tul ta' ħin, u jkun jista' jinvestiga wkoll il-vibrazzjonijiet li jkun qiegħed jisma'. Qal li l-

appellant ma ħax dan it-tank tal-ilma miegħu, iżda infurmah li kien ilu snin juża sistema ta' *makeshift pipe* biex ikollu l-ilma bil-pressa. L-appellat qal li waqt li huwa kien qiegħed iħaddem il-magna u l-appellant suppost kien qiegħed jassigura li l-ilma kien għaddej, il-pajp inqala' u huwa kellu jerġa' jaqla' l-magna u jeħodha lura l-*workshop* tiegħu sabiex jinvestigaha. Qal li kien hemm li huwa informa lill-appellant li kien hemm bżonn jinbidlu l-*manifold* u *risers,* u li kellhom jinxtraw xi *parts* biex tiżżarma l-magna. L-appellat qal li huwa nforma lill-appellant li kien hemm spiża addizzjonali ta' €700 biex jinxtraw il-*parts* imsemmija, u fi kwalunkwe każ il-*manifolds* u *risers* kien waslilhom iż-żmien li jinbidlu. L-appellat qal li l-partijiet kienu ftiehmu bejniethom li l-appellant kellu jħallas dan l-ammont żejjed sabiex ikopri l-*parts* li kellhom jinxtraw, u għalhekk l-appellant għamel ix-xogħol li kien meħtieġ fuq il-magna, lesta x-xogħol, u wara għamel it-test meħtieġ fuq il-magna fil-*workshop* tiegħu stess fil-preżenza tal-appellant innifsu, fejn il-magna tħalliet taħdem għal iżjed minn siegħa u din ħadmet b'mod perfett. Qal li sussegwentement sar is-*sea trial,* fejn il-magna reġgħet ħadmet tajjeb, u l-partijiet iffirmaw karta li tgħid li wara li saru t-tiswijiet meħtieġa fuq il-magna, din tista' taħdem *"to full capacity".*

11. L-appellat qal li mhuwiex minnu li l-magna ma ħadmitx tajjeb waqt is-*sea trial,* u li hemm diversi fatturi li jindikaw li dak li qiegħed jgħid l-appellant mhuwiex minnu. Spjega li l-appellant iffirma skrittura fejn ikkonferma li l-magna qiegħda taħdem kif suppost. Qal li wara li ntemm is-*sea trial,* il-partijiet spiċċaw fuq nota tajba, u li kieku verament il-magna kellha xi ħsarat dakinhar tas-*sea trial,* żgur li l-appellant ma kienx ser iħalli lill-appellat jitlaq qabel isewwiha, jew kien jibgħatlu messaġġi bl-ilment tiegħu, kif għamel drabi oħra. Qal li wara s-*sea trial* l-appellant talbu jwassallu l-karru lura fil-*boatyard* ġewwa l-Imġarr, filwaqt

li huwa telaq bid-dgħajsa mill-Għadira lejn l-Imsida. Qal illi li kieku huwa minnu li s-*sea trial* falla, l-appellant ma kienx ser jagħmel traġitt daqshekk fit-tul, iżda kien jerġa' jtella' d-dgħajsa fuq l-art. Żied jgħid li wara s-*sea trial,* huwa stess ra d-dgħajsa tal-appellant tintuża diversi drabi, u anki Pierre Caruana li xehed f'dawn il-proċeduri, ikkonferma li kien jara d-dgħajsa Ta' Xbiex wara li sar is-*sea trial.* Qal li l-appellant dam xahar sħiħ biex jikkuntattjah wara li sar is-*sea trial,* u li kieku huwa minnu li l-magna kellha l-ħsara mill-bidunett, l-appellant kien jikkomunika miegħu immedjatament, speċjalment in vista tal-allegazzjoni li għamel li huwa gwida liċenzjat, u jużа d-dgħajsa għax-xogħol tiegħu.

12. L-appellat saħaq li t-Tribunal ħa konjizzjoni ta' dawn il-provi kollha meta ddeċieda li huwa mhux konvint li d-dgħajsa ġarrbet il-ħsarat li qiegħed jilmenta dwarhom l-appellant, waqt is-*sea trial.* B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellat qal li huwa ma kienx jaħti li l-pajp inqala' minn mad-dgħajsa, u kien l-appellant li kellu jassigura li l-ilma jibqa' jiġi pprovdut mill-magna għal ġol-pajp, u barra minn hekk, kien l-appellant li ssuġġerixxa li kellu jintuża dan il-metodu ta' *water supply.* Żied jgħid li l-fatt li huwa aċċetta li jaħdem b'dan il-metodu, ma jindikax in-nuqqas ta' esperjenza tiegħu għaliex dan il-metodu ma fih xejn ħażin, iżda l-appellant kellu jassigura li l-pajp jibqa' intatt, permezz ta' verifika viżwali sabiex il-pajp ma jinqalax. L-appellat qal li l-importanza ta' dan l-episodju hija biss waħda marġinali, u l-partijiet kienu ftiehmu li huwa kellu jerġa' jaqla' l-magna biex jara fejn kienet il-ħsara u jirranġaha, u hekk ġara. Qal li minkejja li huwa ma kellu l-ebda tort, huwa pprova jgħin lill-appellant billi żammlu biss tal-*parts* li kellu jixtri. L-appellat qal li wara dan l-episodju, il-magna ssewwiet, ġiet ittestjata fil-*workshop* tiegħu għal iżjed minn siegħa fil-preżenza tal-appellant u ta' ħabib tiegħu, u ħadmet

perfettament. Qal ukoll li sar *sea trial,* u anki hemmhekk il-magna ħadmet mingħajr problemi.

13. L-appellat qal li l-pretensjoni tal-appellant li huwa kellu jiġi kkundannat biex bħala minimu jirrifondi l-ammont ta' tliet elef u tmien mitt Euro (€3,800), ma treġix għaliex ix-xogħol imwettaq minnu kien ta' kwalità tajba u ta' utilità għall-appellant, bi prezz maqbul bejn il-partijiet, u ma nġabet l-ebda prova li l-allegata ħsara hija b'xi mod konnessa max-xogħol imwettaq mill-appellat. Qal li huwa ħalla lill-appellant b'magna li tiffunzjona tajjeb, u kien biss wara xahar li huwa irċieva ittra legali li tgħid mod ieħor, minkejja l-fatt li l-appellant innifsu qatt ma kkuntattja lill-appellat b'xi ilment matul dak ix-xahar.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li mhuwiex minnu li t-Tribunal injora l-iskrittura bejn il-partijiet, jew li dan ma ħax konjizzjoni tar-rapport tat-*technician* Christopher Galea. Qal li t-Tribunal wasal għal konklużjonijiet differenti minn dawk li xtaq l-appellant, iżda dan ma jfissirx li t-Tribunal naqas mid-doveri tiegħu. Qal ukoll li t-Tribunal irrefera għal tali provi fir-riassunt tal-fatti tiegħu, iżda madanakollu xorta waħda kkonkluda li t-talba tal-appellant ma ġietx ippruvata. L-appellat qal li r-rapport ta' Christopher Galea ma kienx wieħed konklussiv, u dan għaliex Galea saħaq li l-magna kellha bżonn tiġi żarmata biex ikunu jistgħu jsiru l-konstatazzjonijiet relattivi. Qal ukoll li minkejja li l-magna ġiet żarmata, l-appellant baqa' ma pproduċa l-ebda rapport ulterjuri dwar x'irriżulta wara li żarma l-magna. Qal li l-appellant ipprova wkoll jinterferixxi fl-indipendenza tal-inkarigu mogħti lill-espert tekniku mit-Tribunal, u din l-interferenza wasslet biex it-Tribunal jittermina l-inkarigu tal-espert.

15. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat irrefera għal partijiet mix-xhieda li ngħatat quddiem it-Tribunal, li abbażi tagħha t-Tribunal ikkonkluda li r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet fuq nota tajba. Qal li t-Tribunal kellu l-opportunità jgħarbel il-provi kollha, u jislet il-konklużjonijiet tiegħu mill-attitudni tal-appellant, u mill-inkonsistenzi fix-xhieda tiegħu. Qal li kien f'dan il-kuntest li t-Tribunal wasal biex jiċħad it-talbiet tal-appellant.

16. L-appellat qal li din hija kwistjoni fuq materja purament teknika, u fil-fatt huwa talab li jinħatar espert sabiex jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu dwar l-allegati ħsarat u l-kawża tagħhom. Qal li huwa dejjem saħaq li għamel xogħlu bi prudenza u bid-diliġenza mistennija minnu, u talab li jkun preżenti waqt li l-espert iżarma l-magna, biex jassigura ruħhu li s-siġill li għamel huwa stess kien għadu intatt. Qal li l-appellant, minflok ħalla lill-espert jespleta l-inkarigu tiegħu b'mod indipendenti, għażel li javviċinah huwa stess qabel dan ġie infurmat bil-ħatra tiegħu mit-Tribunal, u l-appellant tah l-inkarigu huwa stess. Qal li agħar minn hekk, irriżulta li l-appellant żarma l-magna huwa stess, u fil-fatt l-ewwel darba li l-espert ra l-magna, din kienet diġà żarmata. Qal li l-espert kien ġie suġġerit mill-appellant innifsu, u li huwa kien qabel li jinħatar mit-Tribunal minkejja li kien issuġġerixxa isem ta' espert ieħor. Qal li dan juri kemm hu għamel li seta' biex jaqdi lill-appellant, ħadem bir-reqqa u bis-sengħa, u baqa' jikkopera għaliex kellu kunfidenza fix-xogħol imwettaq minnu. Qal li l-appellant min-naħa l-oħra għamel diversi manuvri biex jiżgwida lit-Tribunal, u saħansitra immina l-indipendenza tal-espert, kien inkonsistenti fix-xhieda tiegħu, u ma ġab ebda prova biex isostni l-allegazzjonijiet tiegħu. Qal li minkejja li l-appellant inkariga *marine technician,* u minkejja li effettivament dan qabad u żarma l-

magna, huwa ma pproduċa l-ebda espert biex jixhed fuq x'irriżulta meta ġiet żarmata l-magna.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal injora fatti importanti għall-każ, u dan wassal għal applikazzjoni ħażina tal-liġi]*

18. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra uħud mill-fatti jew provi li kellu quddiemu, u b'hekk is-sentenza mogħtija hija waħda żbaljata. Qal li t-Tribunal irrimarka dwar il-fatt li huwa naqas milli jipprovdi tank tal-*fibre* lill-appellat, sabiex dan ikun jista' jagħmel l-ewwel ittestjar tal-magna fih, iżda t-Tribunal imkien ma kkunsidra li ma kienx kompitu tiegħu li jipprovdi l-apparat meħtieġ sabiex l-appellat ikun jista' jittestja l-magna. L-appellant allega li l-appellat kien negliġenti fil-mod kif ikkonduċa t-test fuq il-magna, u żied jgħid li huwa qatt ma offra li jikkontribwixxi għall-ittestjar li kellu jsir fuq il-magna. L-appellant qal li ladarba l-magna ġarrbet ħsara waqt l-ewwel prova fil-*boatyard,* it-Tribunal kellu jordna r-restituzzjoni tal-ammont ta' €3,800 minfuqa minnu in konnessjoni mat-tiswijiet li kellhom isiru fuq il-magna in kwistjoni.

19. Il-Qorti tibda billi tosserva li fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm provi li ġew injorati mit-Tribunal, tant hu hekk li t-Tribunal għamel sunt tal-provi

kollha mressqa qabel għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar il-każ. Li aktarx jiġri f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn il-provi jkunu kunfliġġenti, u fejn dak li tgħid parti jkun dijametrikament oppost għal li tgħid il-parti l-oħra, huwa li t-Tribunal jislet il-provi li huwa jqis li jkunu aktar attendibbli u rilevanti minn oħrajn, u jgħaddi għall-konklużjonijiet tiegħu wara li aktarx iqis liema mill-provi kienu l-aktar ta' min jorbot fuqhom. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-ewwel test fuq il-magna sar fil-*boatyard,* fejn il-pressa tal-ilma ma kienitx adegwata, u kien għalhekk li l-appellat talab lill-appellant jipprovdilu tank tal-*fibre* sabiex it-test isir fih. Dan it-tank ma ġiex ipprovdut mill-appellant, u minflok l-appellant issuġġerixxa li jintuża pajp tal-ilma, iżda waqt li kien qiegħed isir it-test, għal xi raġuni l-provvista tal-ilma nqatgħet minħabba li l-pajp ma baqax f'postu, bil-konsegwenza li l-magna ġarrbet xi ħsarat. It-Tribunal fl-ebda waqt ma imputa l-ħtija ta' dan l-inċident fuq l-appellant, iżda evidentement dak li seħħ waqt l-ewwel fażi ta' ittestjar fuq il-magna kien rilevanti għal dak li segwa wara. L-appellat spjega li huwa offra li jieħu l-magna fil-*workshop* tiegħu u jsewwiha mill-ġdid, iżda talab lill-appellant għall-ħlas addizzjonali għaliex kien hemm *parts* oħra li kellhom jinxtraw.

20. Jirriżulta mill-atti li l-appellant mhuwiex ikun korrett bit-*timeline* li huwa ta dwar kif seħħew l-affarijiet.L-appellant per eżempju ma jgħidx li meta l-appellat talbu jakkumpanjah biex iwaħħal il-magna fuq id-dgħajsa, huwa qallu li ma setax imur, u ssuġġerixxa li l-appellat kellu jmur jinstalla l-magna fuq id-dgħajsa waħdu. L-appellat spjega li huwa bagħat *video* lill-appellant sabiex jurih li l-magna kienet qiegħda taħdem. L-appellat fix-xhieda tiegħu spjega li huwa xtara *parts* għal din id-dgħajsa, u anki għamel xogħol estensiv fuqha, u kien għalhekk li l-partijiet ftiehmu li kellu jkun hemm ħlas ta' €3,800 għal dan ix-

xogħol, u dan il-ftehim jidher li ntlaħaq qabel sar ix-xogħol riparatorju mill-appellat. L-appellat qal ukoll li meta startja l-magna bl-*ignition timing,* hu sema' xi vibrazzjonijiet, u kien għalhekk li ssuġġerixxa tank tal-*fibre* mimli bl-ilma biex isir l-ittestjar fuq il-magna. Qal li sa dak l-istadju ma kien hemm l-ebda problema bil-magna, u din waqfet taħdem meta l-pajp in kwistjoni waqa' mal-art, fil-ħin li fih l-appellant suppost li kien attent li dan ma jseħħx. L-appellat spjega li meta reġa' ħa l-magna fil-*workshop* tiegħu, hu sab li din kienet mimlija bl-ilma li daħal mill-*manifolds* u *risers,* u kien hawnhekk fejn huwa ssuġġerixxa li dawn għandhom jinbidlu, suġġeriment li huwa kien diġà għamel lill-appellant qabel. L-appellat xehed li meta saru żewġ testijiet separati fuq il-magna in kwistjoni, darba fil-*workshop* tiegħu u darba oħra fuq il-baħar, din ħadmet tajjeb.

21. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jallega affarijiet li mhumiex veritieri, u dan għaliex it-Tribunal bl-ebda mod ma imputa xi nuqqas min-naħa tal-appellant għal dak li seħħ waqt li kien qiegħed isir l-ittestjar fil-*boatyard* l-ewwel darba. Seħħ inċident meta pajp tal-ilma ma baqax f'postu, u fixkel l-andament tax-xogħol li kien qiegħed isir fuq il-magna, iżda din il-konstatazzjoni bl-ebda mod ma wasslet lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-appellant għandu xi forma ta' responsabbilità x'iġorr għal dan l-inċident. Fl-istess waqt, il-Qorti ma tarax kif tista' taċċetta l-pretensjoni tal-appellant li huwa jiġi restitwit l-ispejjeż minfuqa minnu sa dakinhar li sar l-ewwel test fuq il-magna, meta jirriżulta li l-appellat għamel ix-xogħol meħtieġ fuqha, u kien anke xtara *l-parts* sabiex ikun jista' jagħmel it-tiswijiet neċessarji. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li l-flus addizzjonali li talab l-appellat ma kienux għax-xogħol ta' tiswija li huwa għamel fuq il-magna, iżda kienu għal tibdil ta' *parts* li kien wasal iż-żmien tagħhom li jinbidlu, li kellhom jinxtraw minnu sabiex jaqdi l-inkarigu li ngħata, u dan fuq medda ta'

ġranet. Il-Qorti tqis li x-xogħol imwettaq mill-appellat kien ta' kwalità tajba u għall-prezz maqbul bejn il-partijiet, u ma tressqet l-ebda prova li l-allegata ħsara fil-magna tal-appellant kienet b'xi mod konnessa max-xogħol imwettaq mill-appellat. Għaldaqstant il-Qorti ma tarax li hemm lok fejn l-ewwel aggravju jiġi milqugħ.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal ma ħax konjizzjoni tal-ftehim li sar bejn il-partijiet qabel is-*sea trial test*]*

22. L-appellant qal li t-Tribunal injora l-ftehim bejn il-partijiet qabel is-*sea trial test,* u li l-appellat obbliga ruħhu li jsewwi l-magna kompletament. Qal li t-Tribunal injora r-rapport tal-Inġinier Christopher Galea, li fir-rapport tiegħu qal li x-xogħol min-naħa tal-appellat ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Qal li t-tiswijiet min-naħa tal-appellat ma sarux sal-grad miftiehem, u wara s-*sea trial* ġie stabbilit li kien hemm ħsarat ġodda fil-magna, fosthom bil-vibrazzjonijiet, bl-*oil coolant,* u bil-*pressure gauge* li ma ħadimx.

23. Il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant jagħti importanza lir-rapport ta' Christopher Galea, fil-verità dan ir-rapport mhuwiex wieħed konklussiv u jgħid biss li biex jiġi stabbilit il-ħsara minn fejn ġejja, il-magna trid tiġi żarmata kompletament minnu. L-unika konklużjoni li wasal għaliha Galea fir-rapport tiegħu fil-fatt kienet li l-appellant ma kellux juża l-magna tad-dgħajsa sabiex ma ssirilhiex ħsara ulterjuri. Fir-rapport tiegħu Galea imkien ma qal li l-konstatazzjonijiet tiegħu huma dovuti għall-fatt li r-riparazzjonijiet fuq il-magna ma sarux skont is-sengħa u l-arti, kif jallega l-appellant. Iżda t-Tribunal kellu provi oħra quddiemu li wassluh għall-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet

milħuqa minnu, anki jekk dawn huma ta' natura ċirkostanzjali. Fl-ewwel lok, l-appellant jgħid li huwa gwida tat-turisti u li huwa jagħmel użu mid-dgħajsa in konnessjoni max-xogħol tiegħu. Għaldaqstant huwa inkonċepibbli kif l-appellant kien ser jaċċetta li jieħu d-dgħajsa b'magna li ma kienitx qed taħdem b'mod ottimu wara s-*sea trials,* jekk il-probabbilità kienet li din kienet ser terġa' ttih il-problemi f'qasir żmien. Iżda l-fattur prinċipali li jnissel dubju dwar il-verżjoni tal-appellant, huwa l-mod kif dan ikkomporta ruħhu fil-konfront tal-espert tekniku inkarigat mit-Tribunal, liema espert ġie inkarigat fuq talba tal-appellant innifsu. Jirriżulta li l-appellant avviċina lil dan l-espert, u talbu jeżamina l-magna ad insaputa u fl-assenza tal-appellat, u meta l-espert informa lit-Tribunal b'dan, l-appellant irtira t-talba għall-ħatra ta' espert. Irriżulta wkoll li meta l-espert Elio Desira mar biex jispezzjona l-imsemmija magna fuq talba tal-appellant, dan sab li l-magna kienet diġà żarmata, kuntrarjament għal kull struzzjoni mogħtija mit-Tribunal. Huma dawn il-fatturi li jnisslu fil-Qorti l-konvinċiment meħtieġ li l-appellant mhux ikun kredibbli bil-verżjoni tal-fatti mogħtija minnu, u issa qiegħed jittenta jiżvija lil din il-Qorti billi jallega li kien hemm provi li tressqu quddiem it-Tribunal li dan injora. Mhux minnu li Christopher Galea ħejja xi rapport li jimputa xi ħtija jew nuqqas ta' ħila fuq l-appellat, u l-fatt li l-appellant għażel li jżarma l-magna qabel sar l-aċċess mill-espert tekniku nnominat mit-Tribunal fuq talba tiegħu stess, jindika li l-appellant ma mexiex bil-*bona fede* meħtieġa f'dawn it-tip ta' proċeduri. Għaldaqstant it-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq u sejjer jiġi miċħud ukoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[Mhux minnu li r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet fuq nota tajba]*

24. L-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li l-partijiet ħallew lil xulxin fuq nota tajba, u qal li l-fatt li huwa għażel li jżomm il-paċi, ma kellux jitqies li huwa kien kuntent bix-xogħol li sar mill-appellat.

25. Il-Qorti tqis li din ir-rimarka tat-Tribunal ma kienet xejn għajr waħda minn għadd ta' konsiderazzjonijiet li dan għamel sabiex wasal għad-determinazzjoni tal-vertenza li kellu quddiemu. Irrispettivament minn jekk il-partijiet sellmux lil xulxin wara s-*sea trial,* jew jekk tkellmux b'mod li jindika ħbiberija jew rieda tajba, il-fatt hu li l-appellant irnexxielu jsuq id-dgħajsa mill-Għadira sal-Imsida wara li l-magna ġiet ittestjata, u kien hemm xhieda li kkonfermaw li raw id-dgħajsa marbuta x-xatt ta' Ta' Xbiex f'postijiet differenti, li jindika li d-dgħajsa kienet qiegħda tintuża. Jirriżulta wkoll li l-appellant stenna li jgħaddu diversi ġranet qabel reġa' kkomunika mal-appellat, fattur dan li jindika li kien hemm għadd ta' ġranet li matulhom il-magna ffunzjonat u ma tatux problemi. Il-fatt li sakemm kellu jeżamina l-magna l-espert tekniku inkarigat mit-Tribunal, l-appellant laħaq żarmaha, għal raġunijiet li ma ġewx spjegati, jindika li l-appellant ma kienx ser joqgħod jaħsibha darbtejn biex iżarma l-magna jew jiftaħha hu biex jara x'fiha. In-nota li biha ħallew lil xulxin il-partijiet, mhijiex xi fattur li kellu jqis it-Tribunal fid-determinazzjoni tal-vertenza li kellu quddiemu, iżda kien hemm għadd ta' fatturi oħra li setgħu jiġu kkunsidrati, kif fil-fatt ġew ikkunsidrati, u li tqiesu importanti għad-determinazzjoni tal-vertenza.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**